**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 236/21 AL

A B

vs

C B

(MR Number 577/1993)

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-Katedral Metropolitan tal-lmdina, nhar id-9 ta' Mejju tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993), hekk kif jidher f' anness certifikat taz-zwieg (immarkat Dok A).

2. Illi sussegwentement, il-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat il-15 ta' Frar tas-sena elfejn u hamsa (2005) (anness u mmarkat Dok B);

3. Illi l-partijiet huma l-ġenituri ta' D B li twieled fii-iwieg bejn il-partijiet nhar issebgha u ghoxrin ta' Settembru elf disgha mija, sitta u disghin (1996); u ghaldaqstant illum huwa maggorenni;

4. Illi l-partijiet ilhom de jure separati sa mis-sena elfejn u hamsa (2005);

5. Illi ma hemm l-ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u ma hemmx kommunikazzjoni bejnithom;

6. Illi ma ghadx baqa' l-obbligu ghal hlas ta' manteniment ghal minuri, u lanqas ma hemm arretrati dovuti;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega sabiex iz-zwieg jigi xolt skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi imien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol 19 li permezz tagħha esponiet:

1. Illi l-esponenti taqbel mal-fatti dikjarati fir-rikors promotur u filwaqt li tistqarr li m'hemmx imposizzjoni ghal hall taz-zwieg bejn il-partijiet tiddikjara li ma ghandha ebda oggezzjoni ghat-talbiet kif hekk prezentati mir-rikorrenti;

2. Illi l-esponenti filwaqt li ma toggezzjonax ghal hall taz-zwieg tixtieq tirreverti lura ghal kunjoma xebba u ghaldaqstant qieghda kontestwalment ma din ir-risposta tipprezenta nota ai termini tal-ligi;

3. Illi l-esponenti teccepixxi li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ma ghandhomx jigu sapportati minnha;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta’ Lulju, 2021;

Rat illi l-intimata pprezentat nota li permezz taghha qeghda titlob illi tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` “E;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta’ Frar, 2005;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Il-Qorti filwaqt li qeghda tilqa` t-talba tal-intimata biex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` “E”, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-provedimenti kollha mehtiega f’dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.